

Brussell, 29 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9291/18

RECH 224
TELECOM 150
IND 142
MI 392
COMPET 364
DATAPROTECT 102
ECOFIN 484
CYBER 113

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Mejju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9029/18 RECH 186 TELECOM 142 IND 136 MI 355 COMPET 318 DATAPROTECT 94 ECOFIN 428 CYBER 104
Suġġett:	Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fid-29/05/2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC), adottati mill-Kunsill fit-3620 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Mejju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

WAQT LI JFAKKAR:

- fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2016 dwar "It-transizzjoni lejn sistema ta' Xjenza Miftuħa"¹, li appellaw lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex ix-xjenza miftuħa jagħmluha realtà u biex isostnu l-ħtieġa għal azzjonijiet ikkoordinati fil-fora internazzjonali, multilaterali, tal-UE u nazzjonali rilevanti;
 - fir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Inizjattiva Ewropea tal-Cloud Computing, adottata fi Frar 2017, li tappoġġa l-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, u waqt li jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati l-oħrajn, biex jistabbilixxu pjan direzzjonali biex ikun hemm perijodu ċar ta' żmien mill-aktar fis possibbli għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti mill-EOSC;
1. JIRRIKONOXXI l-progress li sar lejn l-iżvilupp ta' aċċess għal infrastrutturi tad-data Ewropej tal-ogħla livell u servizzi bbażati fuq il-cloud mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2016 dwar "Inizjattiva Cloud Ewropea - Il-bini ta' data kompetittiva u ekonomija tal-għarfien fl-Ewropa" u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2017 dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, li jikkonferma l-bżonn li jiġi ppreżentat Pjan Direzzjonali ta' implimentazzjoni għall-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa;

¹ 9526/16

2. JINNOTA d-Dikjarazzjoni tal-EOSC tas-26 ta' Ottubru 2017 li tirriżulta mis-Summit tal-EOSC tat-12 ta' Ġunju 2017, li kellha l-għan li tirrieżamina l-pjanijiet ta' implimentazzjoni għall-oqsma tal-EOSC li jeħtieġu azzjoni prijoritarja, li jittieħed impenn u li jinbena kunsens, u JFAKKAR li l-ħolqien tal-EOSC, wieħed mill-proċessi ewlenin imsejsa fuq ir-riċerka fl-UE llum il-ġurnata, huwa r-responsabbiltà konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, b'kont meħud tal-involvement u l-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati;
3. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet avanzati għall-għoti u l-użu effikaċi tad-data xjentifika ta' kwalità għolja, b'deskritturi effikaċi, faċilità ta' aċċess, l-interoperabbiltà u l-użu mill-ġdid, b'implimentazzjoni b'mod sħiħ tal-prinċipji FAIR² u bl-iżvilupp u l-promozzjoni tal-Commons tad-Data, għandhom iqisu diġà l-prassi stabbilita mill-komunitajiet tar-riċerka, l-Infrastrutturi tar-Riċerka tal-ESFRI, l-Infrastrutturi elettroniċi kif ukoll infrastrutturi nazzjonali rilevanti oħrajn;
4. JENFASIZZA li fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data, jeħtieġ li jiġu indirizzati l-interessi kummerċjali, ta' privatezza u ta' sigurtà rilevanti, skont il-formola "miftuħ kemm jista' jkun, magħluq kif meħtieġ";
5. F'dan il-kuntest, JILQA' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali ta' Implimentazzjoni għall-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa li jintroduċi l-mudell federat tal-EOSC u approċċ b'żewġ stadji għat-tnedija tal-EOSC; JIEĦU NOTA tal-appoġġ ippjanat għall-ewwel fażi ta' implimentazzjoni tal-EOSC permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont 2020) u JENFASIZZA l-importanza li jiġu kkoordinati d-diversi proġetti li għaddejjin u futuri ffinanzjati mill-Programmi Qafas tal-UE dwar l-EOSC, inkluż l-inizjattivi transnazzjonali li qed jaderixxu l-attivitajiet tagħhom mal-EOSC; JISSOTTOLINJA li l-bidu tat-tieni fażi jiddependi mill-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri tal-ewwel fażi u mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020;

² Findable, Accessible, Interoperable, Reusable (Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Riutilizzabbli).

6. JIRRIKONOXXI li l-iżvilupp tal-EOSC huwa n-naħa tal-provvista ta' inizjattiva usa' ta' politika bil-għan li jiġu żgurati aċċess miftuħ kemm jista' jkun għar-riżultati xjentifiċi u l-integrazzjoni tal-prassi tax-xjenza miftuħa fl-Ewropa; JENFASIZZA li l-effikaċja titlob li wieħed jaġixxi b'mod simultanju min-naħa tad-domanda, fejn il-finanzjaturi tar-riċerka jrawmu l-aċċess miftuħ, il-mandati tal-ġestjoni tad-data u l-prinċipji FAIR kif ukoll inċentivi u premji. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-EOSC ikun ambjent li jikkonċentra fuq l-utent, li jaqdi l-ewwel u qabel kollox lill-komunità tar-riċerka fil-bidu, li jibbaża fuq il-prassi l-aktar avvanzata tagħha, u mbagħad jespandi aktar għall-komunità tal-utenti aktar ġenerali, inkluż l-SMEs, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi;
7. JIRRIKONOXXI li bidla fil-kultura fost ir-riċerkaturi lejn il-ftuħ hija prekondizzjoni biex tirnexxi l-implimentazzjoni tal-EOSC, u b'hekk għandhom jittqiesu d-diskussjonijiet attwali dwar il-merti fil-karrieri tar-riċerka u kif jiġu ssupplimentati l-parametri attwali b'uħud ġodda;
8. JAQBEL li l-mudell tal-EOSC għandu jissejjes fuq federazzjoni pan-Ewropea ta' infrastrutturi tad-data sabiex ikun flessibbli u adattabbli għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-partijiet ikkonċernati; rigward l-abilitazzjoni ta' din il-federazzjoni ta' infrastrutturi tad-data nazzjonali u Ewropej, JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jistiednu lill-komunitajiet rilevanti tagħhom, bħall-infrastrutturi elettroniċi, l-infrastrutturi tar-riċerka, l-Organizzazzjonijiet għall-Finanzjament tar-Riċerka (RFOs) u l-Organizzazzjonijiet għat-Twettiq tar-Riċerka (RPOs), biex jorganizzaw irwieħhom sabiex ikunu preparati għall-konnessjoni mal-EOSC u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tagħmel l-aqwa użu mill-proġetti li għaddejjin, il-kompetenza esperta u l-għarfien eżistenti disponibbli permezz tal-inizjattivi eżistenti, bħall-ESFRI, l-eIRG, il-GO FAIR u oħrajn;

9. IQIS li minħabba n-natura miftuħa tal-EOSC, l-iżvilupp tiegħu għandu jkun proċess inklużiv u gradwali u JIRRAKKOMANDA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaċċertaw li l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jieħdu sehem fuq bażi volontarja billi jagħżlu liema servizzi jew settijiet tad-data jistgħu jikkondividu abbażi tal-mezzi disponibbli u skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli;
10. JISTIEDEN għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, biex flimkien jesploraw il-ħolqien ta' mappa tal-infrastrutturi nazzjonali tad-data mir-riċerka u l-inizjattivi fl-Istati Membri li jistgħu jiġu federati, sabiex jiġi żgurat li jitqiesu debitament l-istrutturi, il-kompetenzi, il-funzjonijiet u l-inizjattivi attwali rigward il-ġestjoni tad-data mir-riċerka;
11. JISSOTTOLINJA li l-fatturi ewlenin biex jirnexxi l-EOSC huma l-governanza tajba u mudell tan-negozju sostenibbli kif ukoll it-taħriġ ta' għadd adegwat ta' professjonisti tad-data. JAPPOĠĠA l-approċċ b'żewġ stadji għall-governanza tal-EOSC li jippermetti lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni jmessu u jissorveljaw l-iżvilupp inizjali tal-EOSC fl-ewwel fażi. Fit-tieni fażi, il-governanza tal-EOSC għandha titmexxa prinċipalment mill-partijiet ikkonċernati, filwaqt li jinżamm ir-rwol ta' tmexxija flivell ogħla għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni. JIRRAKKOMANDA li tkun stabbilita koordinazzjoni effettiva bl-ESFRI;
12. JILQA' l-mudell tal-EOSC magħmul minn sitt linji ta' azzjoni interrelatati (arkitettura, servizzi, data, aċċess, regoli u governanza) u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha, b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-KŻER dwar ix-Xjenza Miftuħa u l-Innovazzjoni, biex jistabbilixxu qafas ta' governanza li jiżgura l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati mill-komunità tar-riċerka u l-involvement effikaċi tal-Istati Membri kollha, u li jikkorrispondi mal-prinċipji u l-kriterji li ġejjin:
 - a. Il-federazzjoni u l-interoperabbiltà tal-infrastrutturi tad-data eżistenti filwaqt li jiġu rispettati l-governanza u l-mekkaniżmi ta' finanzjament tagħhom;

- b. Interrelazzjonijiet ċari u effikaċi bejn il-korpi differenti li jikkostitwixxu l-qafas ta' governanza tal-EOSC u b'mod partikolari definizzjoni ċara tar-rwoli tal-Bord ta' Governanza u tal-Bord Eżekuttiv, b'tali mod li jiġi żgurat li ż-żewġ korpi jkollhom kompiti definiti b'mod ċar fejn il-Bord ta' Governanza jissorvelja l-implimentazzjoni tal-governanza tal-EOSC;
 - c. Kriterji oġġettivi u trasparenti għall-għażla u l-involviment tar-rappreżentanti u l-partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri u tal-Pajjiżi Assoċjati, bħall-infrastrutturi tar-riċerka (RIs) pan-Ewropej il-kbar, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubbliċi (PROs) u l-Universitajiet fil-Bord Eżekuttiv, il-gruppi/sottogruppi ta' ħidma u kunitati rilevanti oħra;
 - d. Inklużività u ftuħ tal-qafas ta' governanza tal-EOSC biex tiġi żgurata komunikazzjoni effikaċi bejn l-atturi³ u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet;
 - e. Żvilupp ta' kompetenza esperta fl-EOSC.
13. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tinnomina fil-korpi tal-EOSC professjonisti tal-ogħla livell b'konnessjoni tajba mal-komunità xjentifika u mal-inizjattivi nazzjonali u internazzjonali, u tiżgura l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha, irrispettivament mill-approvazzjoni attwali tad-Dikjarazzjoni tal-EOSC;
 14. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tniedi l-istruttura ta' governanza tal-EOSC fl-2018, filwaqt li tagħmel dan b'konsultazzjoni mill-qrib mal-ERAC u mingħajr preġudizzju għall-kwalità;
 15. JAPPELLA lill-Kummissjoni tiżgura li l-opportunitajiet tal-EOSC jiġu massimizzati għall-Istati Membri kollha, inkluż b'mod partikolari permezz tad-disinn tekniku tiegħu u ta' miżuri speċifiċi bħall-investiment fil-kapital uman biex jingħata appoġġ lill-federazzjoni tal-infrastrutturi tagħhom fl-EOSC;

³ Dawk li attendew għas-Summit tal-EOSC f'Ġunju 2017 u l-firmatarji tad-Dikjarazzjoni tal-EOSC ħadu l-impenn li jimplimentaw il-viżjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza waqt li jkunu miftuħin għal parteċipanti ġodda li jixtiequ jieħdu sehem fl-isforz.

16. JAPPELLA GĦAL implimentazzjoni effiċjenti tal-EOSC u JISTIEDEN lill-Kummissjoni, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex tespandi rigward il-finanzjament futur tal-EOSC u kull deċiżjoni baġitarja oħra li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-EOSC; JENFASIZZA b'mod partikolari l-importanza li jiġi żviluppat mudell tan-negozju sostenibbli u li jintgħażel l-aktar mezz legali adatt għat-tieni fażi tal-iżvilupp;
 17. JENFASIZZA n-natura globali tal-ġestjoni tad-data mir-riċerka, jilqa' d-diskussjonijiet li għaddejjin fil-kuntest tal-fora internazzjonali u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom fil-kuntest internazzjonali.
-